MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2014

Avviz Numru. 154/2013

**Guillaumier Limited (C 1395)**

**vs**

**DIS Companies Limited (C 47833)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Mejju 2013, li permezz tiegħu s-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' tlett elef, tmien mija u tnejn u sebghin ewro u hdax-il centezmu (€3,872.11), rapprezentanti ammont, parti minn somma akbar minnha dovuta lir-rikorrenti ghal servizzi relatati ma' kunsinna u installazzjoni ta' *smart boards* ghal *commuter shelters* li saru fuq inkarigu tieghu stess, oltre l-interessi legali sad-data tal-effettiv pagament. Il-kont relattiv datat 23 ta' Dicembru 2011 qed jigi hawn anness u mmarkat bhala "Dok A".

Bl-ispejjez kollha, inkluz ta' l-ittra ufficjali bin-numru 2798/12 datata 27 ta' Novembru 2012, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata "Dok B" kollox kontra s-socjeta' intimata, minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' DIS Company Limited li giet prezentata fid-9 ta' Lulju 2013 fejn eccepiet:

*1. "Illi preliminarjament is-socjeta' eccipjenti mhijiex legittimu kontradittur stante li qatt ma kkuntrattat mas-socjeta' attrici u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;*
*2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dan kif jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;*
*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

**Anthony Giullaumier** xehed fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2014 fejn iddikjara illi huwa jokkupa l-kariga ta' Managing Director tas-socjeta' attrici u kkonferma li fis-sena 2011 kienu ghamlu xi xoghol lis-socjeta' konvenuta konsistenti f'bini ta' gabbani li jinsabu putirjal u appuntu ghamlu s-soqfa taghhom. Spjega li huma kienu baghtu l-kontijiet taghhom ghaliex ma kienux thallsu tax-xogholijiet li wettqu. Qal li x-xoghol taghhom kien regolat permezz ta' ftehim u cioe' dak esebit fl-atti mmarkat Dok CSH a fol. 18 u appena lestew x-xoghol huma baghtu fattura datata 22 ta' Dicembru 2011 li kopja taghha tinsab esebita fl-atti mmarkata bhala Dok CSH1 (fol. 21). Sussegwentement f'Settembru 2013 qal li kien iltaqa' mad-Direttur tas-socjeta' konvenuta u kien wasal fi ftehim mieghu li jekk huwa jhallas is-somma ta' €2,872.11 f'daqqa, kien lest li jtih discount ta' elf ewro mis-somma kollha dovuta. Kienu ftehmu illi dan il-ftehim kien jorbot purche' s-socjeta' konvenuta thallas din is-somma sa mhux aktar tard minn Ottubru 2013. Fil-fatt qal li dan il-ftehim gie redatt bil-miktub u jinsab esebit fl-atti mmarkat Dok CSH2 (fol. 32). Huwa kkonferma illi sal-lum il-gurnata l-hlas effettiv ma sarx u ghalhekk qed jippretendi s-somma intiera hekk kif mitluba minnu fir-rikors promotur u cioe' l-ammont ta' tlett

elef, tmien mija u tnejn u sebghin ewro u hdax-il centezmu (€3,872.11).

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta' konvenuta, minkejja li pprezentat l-eccezzjonijiet taghha ma resqet l-ebda provi sabiex tissostanzja dak eccepit minnha fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha.

Jinghad ukoll illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta tecepixxi li mhijiex il-legittimu kontradittur, jirrizulta illi fl-atti hemm korrispondenza bejn iz-zewg socjetajiet kontendenti. Ghalhekk m'hemmx dubju li effettivament is-socjeta' konvenuta hija fil-fatt il-legittimu kontradittur.

Dwar il-mertu jinghad illi ghalkemm is-socjeta' konvenut tecepixxi illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, hija ma tressaq l-ebda prova sabiex tissostanzja dak allegat minnha.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddikjara li t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi konfermata.

**Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, qieghda tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici b'dan illi qed tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef, tmien mija u tnejn u sebghin ewro u hdax-il centezmu (€3,872.11) bl-interessi legali jibdew jiddekorru mit-23 ta' Dicembru 2011.**

**Bl-ispejjez kollha, inkluz ta' l-ittra ufficjali bin-numru 2798/12 datata 27 ta' Novembru 2012 a karigu tas-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------